MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2009

Appell Kriminali Numru. 251/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**Peter Borg**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Peter Borg talli:

(1) Fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Ottubru 2002, u fil-jiem ta'qabel din id-data, f'diversi postijiet f'Malta, bi hsieb li jaghmel xi qliegh li jkun, ghen, assista, ta parir jew habrek biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu jew jaghmlu tentattiv biex johorgu minn Malta

bi ksur tal-ligijiet ta’ Malta, jew li sew f’Malta, sew barra minn Malta ikkongura f’dak is-sens ma’ xi persuni ohra;

(2) Fil-jiem ta’ qabel it-3 ta’ Ottubru 2002, f’diversi postijiet f’Malta assocja ruhha flimkien u/jew ma’ xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f’Malta;

(3) Sar recidiv b’sentenza tal Qorti tal-Magistrati (Malta) ta’ l-20 ta’ Jannar 2000;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Awwissu 2005 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 48A, 337A, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-imsemmi Peter Borg hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu b’dan li r-reat taht l-artikolu 48A ghandu jitqies assorbit fir-reat ikkunsmat, cioe` dak taht l-artikolu 337A ta’ l-istess Kap. 9, u kkundannatu, peress illi hu recidiv, ghal perijodu ta’ prigunerija ta’ erba’ snin;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Peter Borg ipprezentat fit-18 ta’ Awwissu 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena skond il-ligi;

Rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant jirrigwardaw l-interpretazzjoni ta’ l-ewwel Qorti ghall-element ta’ qliegh mehtieg fl-artikolu 337A tal-Kodici Kriminali, l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi dwar is-sehem ta’ l-appellant u d-differenza li hemm bejn atti preparatorji u atti li jammontaw ghal bidu ta’ l-ezekuzzjoni ta’ reat.

L-artikolu 337A tal-Kodici Kriminali jghid testwalment hekk:

**“Kull min bil-hsieb li jaghmel xi qliegh li jkun, jghin, jassisti, jaghti parir jew ihabrek biex persuna ohra tidhol jew taghmel tentattiv biex tidhol jew tohrog jew tghaddi minn jew taghmel tentattiv biex tghaddi minn jew taghmel tentattiv biex tohrog minn Malta bi ksur tal-ligijiet ta’ Malta, jew li, sew f’Malta sew barra minn Malta, jikkongura f’dak is-sens ma’ xi persuna ohra jista’, minghajr pregudizzju ghal kull piena ohra taht dan il-Kodici jew taht xi ligi ohra, jehel ….”**

L-appellant isostni illi l-ebda element ta’ qliegh ma gie ppruvat fil-kaz tieghu. Jghid li min, per ezempju, fi zmien il-gwerra kien jghin prigunieri alleati biex jaharbu jew min anke llum il-gurnata jghin lil xi hadd biex jahrab minn persekuzzjoni politika jew religjuza, u dan jaghmlu f’gieh is-solidarjeta` umana, ma tistax din is-solidarjeta` umana tigi kkunsidrata bhala qliegh.

Issa, mir-rizultanzi processwali jirrizulta l-ewwelnett illi numru ta’ persuni ta’ nazzjonalita` barranija, precizament 25 persuna, kienu intenzjonati li jitilqu minn Malta bil-bahar. Irrispettivament mir-raguni ghaliex kienu telqu jew harbu minn pajjizhom – u almenu fir-rigward ta’ dawk il-persuni ta’ nazzjonalita` barranija li xehdu f’dawn il-proceduri l-unika motivazzjoni tidher li kienet il-prospettiva ta’ xoghol u qliegh ahjar – ma kinux sejrin jitilqu minn Malta minhabba persekuzzjoni politika jew religjuza jew xort’ohra f’Malta. Ghalhekk jekk riedu jitilqu minn Malta dan kellhom jaghmluh in ottemperanza mal-ligijiet ta’ pajjizna.

L-appellant jghid li l-ebda element ta’ qliegh ma gie ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi fil-konfront tieghu. Din il-Qorti ma taqbilx peress illi hu evidenti illi jirrizulta mill-provi illi l-appellant kellu sehem attiv biex jassisti persuni jitilqu minn Malta b’mod illegali u liema persuni kienu qeghdin ihallsu sabiex jiehdu dan is-“servizz”. Jirrizulta li l-appellant kien involut fit-trasferiment ta’ uhud minn dawn

il-persuni minn lukanda ghal dar minn fejn ingabru minnu mill-gdid biex isir il-vjagg klandestin. Minn almenu xhud wiehed, Aydi Adel, jirrizulta li Ferhat Guellouma – il-persuna li diversi xhieda qalu li hallsuh somom ta’ flus biex isir il-vjagg – cempel lill-appellant (li dawn l-istess persuni rreferew ghalih bhala “Joseph”) biex jghaddi ghalihom il-lukanda. Adel Ben Mohtar Attisa, li dam gewwa din id-dar xi hamest ijiem flimkien ma zewg persuni ohra, xehed li waqt li kienu f’dik id-dar l-appellant kien imur ma’ habib tieghu kultant zmien “u jghidilna li kollox kien *all right* u dalwaqt konna se nsiefru u nghid li waqt li ahna konna hemmhekk f’xi okkazjoni gabulna xi hobz u f’okkazjoni ohra gabulna xi haga tradizzjonali taghna maghrufa bhala harisa”. Dan ix-xhud qal ukoll li saru jafu li sejrin l-Italja bid-dghajsa minghand “Joseph” u siehbu. Inoltre jghid li kellhom struzzjonijiet biex ma johorgux mid-dar ghax kienu joholqulhom problemi. Jirrizulta wkoll illi kien l-appellant stess li kera l-van li ntuza biex igorr lill-persuni li kellhom jaghmlu l-vjagg klandestin. U kien hu li kien qieghed isuq dak il-van u gabar il-persuni kollha li kellhom jaghmlu dan il-vjagg meta nqabdu mill-Pulizija.

Fl-ewwel stqarrija tieghu lill-Pulizija l-appellant qal li hu jahdem bhala bidwi u jahdem l-ghalqa tieghu gewwa B’Kara. Ix-xoghol li kien qieghed jaghmel kif hawn fuq deskritt m’ghandu x’jaqsam xejn max-xoghol ta’ bidwi. U huwa inkoncepibbli li dak kollu li kien qieghed jaghmel l-appellant mhux biss kien qieghed jaghmlu minghajr ebda gwadann anzi kien qieghed jizborza flus biss. Inoltre ma tistax tghaddi inosservata c-cahda tieghu fit-tieni stqarrija fis-sens li ma kienx jaf lil Ferhat, meta l-provi juru li kien hemm kuntatt bejniethom.

Fi kwalunkwe kaz hemm ix-xiehda ta’ Lahcen El Ghaoui li jghid li ta s-somma ta’ $650 lill-istess tnejn min-nies li l-ghada marru jghabbuhom biex isir il-vjagg klandestin. Khalid Mokrini wkoll jghid li ta flus lill-appellant, ghalkemm imbaghad jghid li hu ghaddihom lil siehbu izda li dawn inghataw lill-appellant u hadhom sieheb l-appellant.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti ghalhekk l-element ta’ qliegh jinsab sostanzjat.

L-appellant josserva wkoll illi l-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti kienet ibbazata fuq valutazzjoni ekwivoka ta’ presenza ta’ barranin fil-van in kwistjoni. Ekwivoka ghaliex il-prezunt vjagg minn fuq il-bahar lejn l-Italja ma gie b’ebda mod pruvat. Skond l-appellant, il-presenza tal-persuni ndikati fil-van setghet kienet parti minn frodi, setghet kienet metodu ngust kif tidhaq b’haddiehor, pero` l-inqas prova li hemm hu li kienu ser jigu trasportati fuq xi bicca tal-bahar li l-ezistenza taghha anqas remotament ma giet allegata jew pruvata. L-appellant isostni li ma nistghux nitkellmu dwar traffikar ta’ persuni meta la nafu fejn suppost kienet il-bicca tal-bahar, la nafu fejn kienet ser tittiehed, jew min kien ser isuqha, la nafu jekk kinitx qatt tezisti. Jigifieri, jghid l-appellant, hi mankanti l-aktar prova essenzjali, cioe` l-indikazzjoni kif kien ser isir it-tentattiv biex dawn il-persuni johorgu minn Malta. Jghid ukoll illi, *dato ma non concesso* li kien hemm xi hsieb li jinhargu minn Malta, hemm differenza bejn atti preparatorji u l-bidu ta’ l-esekuzzjoni; m’hemm l-ebda bidu ta’ esekuzzjoni tar-reat ghal min ikun qieghed Bahar ic-Caghaq ghax minn Malta ma tistax tahrab bil-karozza.

Dawn is-sottomissjonijiet huma rizultat ta’ mizinterpretazzjoni ta’ l-artikolu 337A tal-Kap. 9 mill-appellant. L-ewwelnett meta l-ligi titkellem dwar persuna li “tidhol jew taghmel tentattiv biex tidhol jew tohrog jew tghaddi minn jew taghmel tentattiv biex tghaddi minn jew taghmel tentattiv biex tohrog minn Malta”, ma jfissirx illi jrid ikun hemm bil-fors prova tar-rizultat miksub (*the result achieved*) izda huwa sufficjenti li jkun hemm prova tar-rizultat li jkun mixtieq li jinkiseb (*the result sought*). Wara kollox l-istess artikolu 337A jaghmel reat anke “l-kongura” biex jintlahaq l-iskop imsemmi. F’dan il-kaz ir-rizultat ma nkisibx ghax gie sfrattat mill-Pulizija. Izda l-provi juru li r-rizultat li l-kompartecipanti riedu li jinkiseb kienet il-harba minn Malta b’mod klandestin ta’ numru mdaqqas ta’ persuni ta’ nazzjonalita` barranija.

Li l-vjagg kien ser isir b'dghajsa ftit hemm dubju. Per ezempju, Aydi Adel, li kien it-Taormina Hotel ma' Aidi Ahmed u Aidi Mohammed, xehed li Ferhat qallhom li kienu ser jitilqu bid-dghajsa. Adel Ben Mohtar Attisa li wkoll kien it-Taormina Hotel izda mbaghad gie trasferit ghal dar flimkien ma' zewg persuni ohra, qal li saru jafu li sejrin bid-dghajsa minghand l-appellant u siehbu. Haddad Marouane, li xehed fl-inkjesta magisterjali, sahansitra qal li persuna li kien jafha bhala "Joseph" – izda li mid-deskrizzjoni li ta tixbah dik ta' l-appellant – qal li kellu vapur kbir bi tliet muturi 750 hp u komdu.

Imbaghad il-Pulizija qabdu l-van bil-persuni li kienu se jitharrbu fil-bajja ta' Bahar ic-Caghaq. L-Ispettur Silvio Valletta xehed li kien ma' P.C. 807 Felix Vella u nnutaw van abjad u karozza kannella warajha dehlin f'bicca bajja. Qaghdu barra l-bajja biex jaraw x'se jaghmlu u meta tfew id-dawl tal-vetturi, dahlu warajhom. X'hin waslu hdejhom xeghel id-dawl, innota lill-appellant hiereg mill-istess van, qallu jieqaf wara li identifika ruhu bhala pulizija, izda dan harab minn fuq il-post. Il-karozza kannella wkoll harbet minn fuq il-post. Ix-xhud qal li nfurmaw lill-pulizija tal-*mobile* li Peter Borg maghruf bhala l-Hasi kien fl-akkwati sabiex jghinuhom isibuh. Fil-van kien hemm diversi nies ta' nazzjonalita` barranija. Wara xi hames minuti waslet l-assistenza bil-pulizija tal-*mobile* li kellhom maghhom lil Peter Borg li kienu sabu hiereg 'il barra mill-akkwati fejn kienu qeghdin. P.S. Valletta kompla mbaghad jghid hekk: *"P.C. 807 Felix ghamel tfittxija fuq il-persuna ta' Peter Borg u nstabet cavetta li meta qabbilniha mal-van l-abjad qablet ghax il-van startja u meta ghidnilu jaghtina spjegazzjoni dwar din ic-cavetta Peter Borg qalilna li waqt li kien qieghed miexi sab din ic-cavetta."* Ovvjament dik id-dikjarazzjoni ta' l-appellant ma kienet xejn aktar hlief *"a tall story"*.

Ghaldaqstant l-aggravju fil-mertu huwa michud.

L-appellant jilmenta wkoll mill-piena nflitta li jhoss li hija esagerata.

In materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

Din il-Qorti osservat illi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hi certament fil-parametri tal-ligi. Difatti filwaqt illi s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 337A tal-Kap. 9 jipprovdi ghal piena ta' prigunerija minn sitt xhur sa hames snin jew multa ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn tlieta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu (23,293.73) jew dik il-multa u prigunerija flimkien, l-ewwel proviso ta' dan is-subartikolu jipprovdi li fejn l-ghadd ta' persuni mghejjuna, assistiti, moghtija parir, li jkun sar thabrik dwarhom, jew il-mira tal-kongura, ikun ta' aktar minn tlieta, il-piena ghandha tizdied bi grad wiehed sa tliet gradi. U fil-kaz in ezami n-numru ta' nies mghejjuna jew assistiti mill-appellant kien ta' aktar minn tlieta.

Issa, l-ewwel Qorti ddikjarat li kienet qed timponi piena ta' prigunerija ta' erba' snin "peress li hu recidiv". L-addebitu ta' recidiva saret minhabba sentenza ta' l-20 ta' Jannar 2000 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) li permezz taghha l-appellant kien gie kkundannat multa ta' Lm20 u lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet xhur a tenur ta' l-artikolu 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ewwelnett, persuna ma tistax titqies bhala recidiv jekk kienet antecedentement inghatat *absolute discharge*, jew *conditional discharge* (bhal fis-sentenza msemmija) jew *probation*. Imbaghad, ghalkemm jidher li fis-sentenza msemmija l-Qorti tal-Magistrati kienet ikkundannat lill-appellant ghal multa, ir-reat li dwaru saret tali kundanna kien il-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-piena kellha semmai tkun dik tal-*ammenda* u mhux tal-*multa*. Huwa veru illi l-appellant ma kienx appella minn dik is-sentenza izda fl-istess hin il-piena fil-kaz odjern ma kellhiex tigi aggravata

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

a bazi ta' sentenza li *on the face of it* inghatat biha piena mhux tax-xorta stabbilita mil-ligi. Ghalhekk din is-sitwazzjoni sejra tigi rettifikata b'temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata <u>in kwantu tirrigwarda biss l-appellant Peter Borg</u> billi tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta' erba' snin u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta' tliet snin bit-tnaqqis taz-zmien li ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------